KUNSILL LOKALI - FLORIANA

---

## Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tal-floriana
## tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana – 18 ta' Diċembru 2017

Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita', skont Art 70 tal-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, nżammet nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fis-6.30pm fis-sala fejn jiltaqgħa l-Kunsill peress li hi aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Saru avviżi ta' din il-laqgħa fuq ir-radjijiet kollha nazzjonali kif ukoll darba fil-gażżetti kollha ta' kuljum, permezz ta' uffiċċjali tal-Kunsill li personalment qassmu flyer bil-Malti u bl-Ingliż f' kull residenza a bażi tar-Reġistru Elettorali u fuq il-FaceBook tal-Kunsill.

Għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku Davina Sammut Hili, il-Viċi-Sindku Vince Borg u l-Kunsilliera James Aaron Ellul, Albert Demarco u Anthony Grech Sant u s-Segretarju Eżekuttiv M'Lourdes Lautier. F' din il-laqgħa ngħata l-andament tal-Kunsill matul din is-sena u l-pjan ta' attivita' għas-sena ta' wara.

L-attendenza kienet diżappuntanti għall-aħħar peress li ġew tlett residenti biss minkejja li ġew infurmati r-residenti kif ukoll l-għaqdiet lokali kollha skont il-liġi. Il-parteċipazzjoni tagħhom f'din il-laqgħa kellha l-għan li tkun għodda prinċipali sabiex wieħed iressaq proposti u jiddiskuti mal-Kunsill biex flimkien isseħħ għaqda li tixpruna ġid akbar a benefiċċju tal-Furjaniżi stess u l-Floriana, aktar u aktar meta wieħed iqis fortunatament is-sinerġija persistenti li teżisti bejn il-kunsilliera kollha.

<u>Bidu tal-laqgħa</u>

Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi spjegat li l-iskop ta' din il-laqgħa kien li l-Kunsilliera jagħtu rapport lir-residenti ta' x' ikun sar fil-lokalita' tul din is-sena kurrenti filwaqt li r-resident jkunu nfurmati bil-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena ta' wara u kif ser jirriflettu fl-estimi finanzjarji annwali.

Is-Sindku infurmat lir-residenti preżenti li wara d-diskorsi tal-Kunsilliera huma setgħu jressqu xi suġġerimenti jew ilmenti sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Davina Sammut Hili stiednet lill-Viċi Sindku Vince Borg u lill-Kunsilliera James Aaron Ellul, Albert Demarco u Anthony Grech Sant sabiex jagħtu r-rendikont tal-ħidma tagħhom matul din is-sena.

IL-VIĊI SINDKU IS-SUR VINCE BORG

Il-Viċi Sindku Vince Borg għandu d-dekasteri tal-Qasam Soċjali u Familja, Relazzjonijiet mal-Pulizija, Traffiku, Ġonna u Soft Areas, Anzjani, Ħarsien taċ-Ċittadin u Patrimonju Lokali.

Is-Sur Borg irrefera għal żewġ funtanti fi Ġnien Vilhena li nbiddlu f' soft areas wara deċiżjoni li ħa l-Kunsill minħabba vandaliżmu persistenti fihom kif ukoll biex jitnaqqas il-periklu mill-virus taż-Żika. Twaħħlu bankijiet ġodda jħarsu fuq il-Port il-Kbir u bank u mejda nqalgħu minn fejn kienu peress li kienu kontinwament jitħamġu mill-ħamiem fejn kienu, waqt li perjodikament isir żbir tas-siġar.

Semma l-proġett li dieħel għalih il-Kunsill ie ir-riġenerazzjoni tal-Ġnien Re George V b' fondi mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Il-Kunsill kontinwament jagħmel sinjali ġodda u/jew manutenzjoni fuq sinjali tat-traffiku. Irrefera għal-laqgħat li l-Kunsill żamm ma' Transprt Malta partilkolarment dwar skema ta' parkeġġ u anke dwar il-coaches li jkun hemm ipparkjati kuljum tul Triq Sarria.

Semma li ltaqa' ma numru t' anzjani biex isir jaf dwar il-bżonnijiet tagħhom li numru minnhom kienu dwar parkeġġ għall-nies bi bżonnijiet speċjali.

Temm billi wiegħed aktar ħidma fi ħdan il-Kunsill għal ġid tal-Floriana u r-residenti.

IL-KUNSILLIER IS-SUR JAMES AARON ELLUL

Il-KunsillierJames Aaron Ellul għandu d-dekasteri tal-Edukazzjoni e-Councillor, Ħarsien tal-Annimali, Żgħażagħ u Tfal, Saħħa u Sanità, Attivitajiet (flimkien mas-Sindku), Midja u Pubblikazzjonijiet.

Beda billi esprima b' sodisfazzjon li qeda' dmiru b' ħidmietu partikolarment id-dekasteri li huma responsabilta' tiegħu.

Bħala uffiċjal inkarigat mill-Attivitajiet (flimkien mas-Sindku), Midja u Pubblikazzjonijiet, ħadem bi sħiħ sabiex St Patrick's Day tkun suċċess u ser jirsisti sabiex sena oħra tkun aħjarfilwaqt li l-attività ta' Jum il-Floriana kien hemm attendenza mill-isbaħ u l-attività kompliet tixpruna fuq ix-xogħol li kien sar fis-sena preċidenti.

Il- Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat din is-sena ta spettaklu mill-isbaħ fejn is-serata kienet għal xi mumenti fuq Facebook fejn inġibdu wkoll biċċiet mill-festival bid-drone.

Ġenna ta' Ġonna din is-sena kien hemm numru t'attivitajiet ġodda bl-involviment tal-għaqdiet lokali u ambjentali li attiraw folol lejn il-lokal. Fuq mozzjoni li kien għadda is-senaa' qabel saret kompetizzjoni ta' fotografija li ħa ħsiebha lis-Sur Albert De Marco.

Din is-sena nħareġ ir-raba' filmat tal-kalendarju Furjaniż li jirreklama l-lokalità. Dan il-filmat ser ikun disponibbli fuq it-televizzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill waqt li l-Ministru Owen Bonnici wiegħed li jtellgħu fuq is-sit tal-Ministeru tal-Kultura.

Saret rebranding tal-website u s-sit sar aktar *user friendly*. Kontinwament fuq il-midja soċjali tal-Kunsill dejjem qed ikun hemm aġġornamenti, speċjalment fuq il-midja soċjali Facebook li hija l-paġna l-aktar segwitha mir-residenti u l-Furjaniżi.

Inħarġu żewġ stqarrijiet f'isem il-Kunsill Lokali rigward il-qagħda tal-Biskuttin u kif ukoll fuq il-bollards ta' quddiem Bieb il-Bombi.

Jittama li fir-riforma tal-Kunsilli Lokali li għandha x'taqsam mal-Green Wardens, isir infurzar aħjar fuq min jitma l-ħamiem.

Għadda mozzjoni oħra fejn l-istudenti tal-ħames sena tal-Primarja ser jingħataw forma ta' kwistjonarju fuq il-Floriana.

Semma kif matul is-sena qajjem bosta punti għas-sigurtà fil-komunità partikolorament dwar l-abbuż tad-droga u vandaliżmu.

Fir-rigward tal-annimali, semma li ġew installati aktar djar tal-qtates u oħrajn ġew irranġati.

Semma li l-Kampanja Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina li jmiss ser issir qrib il-Festa ta' San Publju.

Għadda numru ta' mozzjonijiet fostom :-

Mozzjoni fuq il-Masġar tal-Ġublew sabiex isir park tal-familja;

Mozzjoni fuq aktar informazzjoni minn personaġġi Furjaniżi li għamlu isem lil-lokalità – forma t'awtobijografija.

Mozzjoni biex ikun hemm aktar ħarsien għall-Fosos, liema mozzjoni kompliet tiġi diskussa mal-Ministeru Dr Owen Bonnici.

Mozzjoni ta' Mappa fil-Valletta Waterfront li kompliet tizvilluppa f'diskussjoni mal-*manegment* tal-Waterfront biex ikun hemm mappa tal-lokal Furjaniż u leaflets t'informazzjoni fix -Xatt ta' Pinto.

Mozzjoni ta' pjan għar-riġenerazzjoni fil-lokal li sfortunatament m'għaddietx.

Mozzjoni biex ikun hemm aktar ħarsien fil-*housing* ta' Triq il-Fosos fejn iċ-ċentru tas-Saħħa

Mozzjoni għal aktar sigurtà fejn l-iskola Primarja fi Triq San Tumas;

Mozzjoni *Leħen it-tfal tagħna fil-Floriana*Mozzjoni ta' tisbiħ fis-*Subways* ta' quddiem il-Bombi

Għamel pressjoni għal aktar sigurtà għal fejn Bieb il-Bombi; għat-tisbiħ tal-loġoġ fi Triq Sant'Anna u fost oħrajn ressaq mozzjoni sabiex żewġ funtani fil-Ġnien Re George V imtlew bil-ħamrija u l-fjuri minħabba vandaliżmu persistenti fihom u biex tiġi kkontrollata il-firxa tan-nemusa Zika.

IL-KUNSILLIER IS-SUR ALBERT DEMARCO

Il-Kunsillier Albert Demarco għandu d-dekasteri tal-Utilitajiet u Servizzi, Gwardjani Lokali, Parkegg, Kultura u Storja.

Irrimarka li kull entita' jkollha is-sistema tagħha ta' kif titħaddem u għaldaqstant wieħed irid jimxi mal-proċeduri stabbiliti bir-riżultat li dan il-proċess regolarment jieħu fit-tul.
Din is sena il-ħaddiema ta' l-Enemalta bidlu xejn inqas minn 4 cables taħt l-art, 112 bozza tat-toroq u attendew għal 46 ħsara waqt li saru wkoll 12-il spezzjoni.
Il-Korporazjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għamlet 3 xogħlijiet ta' manutenzjoni u attendiet għal mhux anqas minn 23 ħsarat żgħar li nqalgħu.
Semma l-problema tal-parkeġġ u fejn hemm madwar 3000 spazzju ta' parkeġġ fil-Floriana filwaqt li hemm madwar 2000 permess għal-parkeġġ. Wiegħed li ma jdumx ma jippreżenta rapport dwar dan lill-Kunsill.
Irrefera għal kompetizzjoni ta' fotografija li organizza l-Kunsill fl-okkażżjoni ta' Ġenna ta' Ġonna u stqarr li kien sorpriż bil-konkorrenza. Ir-ritratti ser ikunu esebiti waqt il-ġimgħa tal-Festa Liturġika ta' San Publiju f' Jannar 2018.
Irrimarka li mal-wasla ta' Jannar ikun hemm l-inawgurazzjoni tal-Valletta 2018 bħala l-Belt Kapitali tal-Kultura biex minnha jgawdi l-pubbliku u t-turisti li żgur ser iħallu impatt fuq il-Floriana wkoll.
Wiegħed li b' ħidmietu jasal biex itejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-Furjaniżi li wrew fiduċja fih.

<u>IL-KUNSILLIER IS-SUR ANTHONY GRECH SANT</u>

Il-Kunsillier Anthony Grech Sant tkellem dwar id-dekasteri li hu responsabbli għalihom ie Relazzjonijiet mal-Pulizija u l-Isport.
Matul is-sena li ilu fi ħdan il-Kunsill, ħadem bi sħiħ billi għen il-klabbs sportivi tal-lokal fosthom tal-Hockey U15, waqt li organiżża tournaments tal-futball ukoll.
Rigward il-parking, semma kif fil-Floriana hemm biżżejjed parkeġġi biex jinqeda kull min jidħol il-Floriana peress li hemm żewġ parkeġġi kbar privati u l-Park and Ride. Jistenna li ssir laqgħa mal-Ministru tal-Infrastruttura biex isir enfasi sabiex il-Floriana jkollha sistema ta' parkeġġ bħal dik tal-Belt Valletta u b' hekk jiġi assigurat li l-parkeġġ ma jibqax problema partikolarment għar-residenti.

<u>IS-SINDKU DAVINA SAMMUT HILI</u>

Id-dekasteru tas-Sindku huma l-Finanzi u l-Fondi, Fondi mill-Unjoni Ewropeja, l-Ambjent u Ndafa Pubblika, Librerija u Arkivji, Xogħolijiet u Manutenzzjoni, Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali, Ugwaljanza u Avvanz tal-Mara u Negozju w Kummerċ, Turiżmu, Attivitajiet, Housing, Ambjent u l-Awtorita' tal-Ippjanar u Forum tal-President.
Bdiet billi ntroduċiet l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2018 fejn semmiet id-Dħul proġettat favur il-Kunsill kemm mid-dħul tal-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali ta' madwar €369,683, kif ukoll dħul ieħor minn skemi governattivi, mill-ħlas amministrattiv fuq infurzar lokali, permessi, sponsors u bye-laws li komplessivament jiġu madwar €433,513. Rigward infiq, hemm imbassar li jkun hemm infiq ta' madwar

€128,791 fuq Emolumenti Personali (Salarji) li jiżdied marġinalment minħabba l-għoli tal-ħajja skont il-ftehim kolletiv, kif ukoll l-*increments* tal-impjegati.

Il-Kunsill biħsiebu jkompli jaħdem iktar bil-għaqal fil-qasam tal-manutenzjoni u operattivi . Ser joħorġu sejħiet għall-offerti ġodda kif ukoll għal dawk it-tenders li ser jiskadu, fejn hu stmat li l-ispiza għas-sena 2018 f'dan il-qasam ser tammonta għall-madwar €210,921.

Ġew ikkunsidrati ukoll l-ispejjez tal-uffiċju amministrattiv, li jammontaw għal madwar €29,685.

Bħal kull sena, il-Kunsill ser jorganizza numru t' attivitajiet kulturali stabbiliti, fostom il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, u Ġenna ta' Ġonna, apparti attivitajiet fuq skala iżgħar. L-ammont allokat għal kultura u attivitajiet jammonta għal madwar €39,000.

Komplessivament l-infieq ser ikun ta' madwar €429,510.

Bħala spiża kapitali l-Kunsill qed jistma nefqa totali ta' madwar €345,128

Dawn ser jigu ddedikati sabiex tkompli tissebbaħ il-lokalita bi progetti infrastrutturali fostom tisbieħ ta' ġnien, xogħolijiet ta' asfaltar, bankini, fanali ornamentali, bandli, cameras u għamara tat-toroq u lift. Semmiet kif ħaddiema tal-Kunsill ta' kuljum iwettqu xogħol ta' manutenzjoni partikolament fit-toroq u l-bankini u jwettqu tiswijiet wara atti ta' vandaliżmu li sfortunatament ma jaqtgħu qatt.

Kienet sodisfatta ħafna li din is-sena hemm surplus ta' €14,000.

Rigward il-problema tal-parkeġġ saru laqgħat ma' Transport Malta, fejn bħalissa l-iskemi huma magħluqin pero' l-Kunsill wera nteress fi skema pilota li ser tiġi ntrodotta, filwaqt li jibqa jenfasiżża fuq aktar infurzar partikolarment peress li s-servizz tal-Wardens illum hu fallut.

Esprimiet li l-allokazzjoni għandha tiġi riveduta u ma tkunx ibbazata fuq in-numru ta' residenti għax mhux qed jitqies l-influss tal-eluf ta' nies li jidħlu l-Floriana u l-Belt kuljum għax-xogħol tagħhom u n-numru tat-turisti li joħonqu żoni fil-Floriana.

Dan l-influss jaffettwa l-indafa, il-parkeġġ u it-tinġis tal-arja meta wieħed iqis li l-popolazzjoni tikber kważi bi tlett darbiet mil-inqas f' ħamest ijiem fil-ġimgħa sena wara l-oħra.

Tispera li dan ikun ikkunsidrat meta ssir ir-riforma tal-Kunsilli. Dawn l-ilmenti tressqu personalment mal-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici kif ukoll mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari is-Sur Silvio Parnis.

Mal-Onorevoli Bonniċi, l-Kunsill iddiskuta l-konfini tal-Floriana partikolarment minħabba li diversi entitajiet jirreferu għal ċertu nħawi tal-Belt Valletta li attwalment huma fil-konfini tal-Floriana, eżempju prinċipali hu d-daħla tal-Beltkif ukoll il-Funtana tat-Tritoni u l-Waterfront.

Semmiet il-proġett li ser jibda dalwaqt rigward il-Ġnien Re George V fejn irriżultaw ħsarat kbar fis-sistema tad-dawl peress li meta kien sar ftit tas-snin ilu, id-dawl ġie mgħoddi minn taħt il-ħamrija fi fliexken tal-plastik. Għalhekk il-Kunsill ser japplika għal-fondi mill-Awtorita' tal-Ippjanar, fejn hemm il-ħsieb li jsiru bandli ġodda, outdoor gym, jitranġa l-pitch u ssir sistema tad-dawl ġdida.

Il-funtani li kienu qed ikunu peristentement ivvandalizzati ġew ristrutturati iżda riversibbli, billi mtlew bil-pjanti filwaqt li jonqos in-nemus.

Il-Kunsill ħadem bi sħiħ sabiex id-Dog Park ikun rejalta dalwaqt filwaqt li saru diversi catcafes.
Ġew stallati aktar bankijiet lejn Balzunetta u żoni oħra ta' rikrejjazzjoni.
Qed isir sforz biex jerġa' jiġi stallat dawl fl-inħawi ta' Ġnien Vilhena, li kien inizjalment responsabilita tal-Awtorita' tad-Djar, wara li dik il-persuna li kella l-kaxxa tad-dawl ma' darha iddeċidiet li tneħħiha wara tant snin. L-Awtorita' tad-Djar ma kkoperat xejn u l-Kunsill għadu jitħabat biex jerġa' jistallha u jżied aktar dawl għal aktar siġurta' filwaqt li talab id-divoluzzjoni ta' dan il-ġnien.
Ġew asfaltati tlett toroq ie Triq Lopez,Triq Dun Mauro Caruana u Triq Vilhena.
Innotat li hu fatt li l-kunċerti tal-Isle of MTV u ta' Joseph Calleja, allvolja jippromwovu l-lokalita' u l-attivita kummeċjali, iħallu effett negattiv fuq ir-residenti.
Ġiet stallata camera tas-sigurta ħdejn il-Kapuċċini u ma jdumx li jkun hemm aktar qrib il-Young Falcons Club fejn inżabru s-siġar u ser jiżdied id-dawl għal aktar sigurta bl-intenzjoni li jitrażżan l-abbuż tad-droga f' dawn l-inħawi. Hemm il-ħsieb li jiżdied id-dawl bl-għajnuna tal-Awtorita' tal-Ippjanar.
Din is-sena sar tibjid tal-loġoġ ta' Triq Sant' Anna li kompla jsebbaħ din it-triq arterjali.
Għal Jum il-Floriana, din is-sena ser jiġu ntrodotti rikonoximent lejn personalitajiet fil-qasam tal-mużika u l-letteratura u filwaqt li jsiru l-posters tal-personalitjiet.
Il-festivals saru attrazzjoni annwali li jiġbdu folol lejn il-Floriana, kemm dak il- Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kif ukoll Ġenna ta' Ġonna. Fl-laqgħa li nżammet mal-Onorevoli Dr Owen Bonniċi ġie diskuss ir-restawr tal-mina tal-ferrovija u t-ticket booth in vista li l-mina hi attrazzjoni prinċipali fil-festival.
Il-Kunsill għadu jikkumbatti il-pjaga tal-ħmieġ tal-ħamiem u jippretendi aktar infurzar kemm minn LESA kif ukoll mill-Pulizija peress li huma magħrufa sew dawk li jgħalfu l-ħamiem.
Hawnhekk semmiet ukoll li qed tistenna bil-ħerqa ir-riforma tal-Wardens partikolarment biex jitrażżan l-abbuż fl-użu tal-arloġġ tal-parkeġġ u l-introduzzjoni tal-EcoWardens biex jitrażżan l-abbuż ta' min iħammeġ barra meta wieħed iqis li l-ikbar infieq tal-Kunsill imur fuq l-indafa tal-lokalita'. Filwaqt li żdiedu l-kenniesa u hemm servizz tajjeb tal-ġbir ta' skart goff meta komparat ma' Kunsilli oħra, tistenna minn nies fil-Floriana aktar kuxjenza u responsabilita' soċjali. Minn Jannar għandu jkun hemm aktar riċiklaġġ filwaqt li hemm l-intenzzjoni li jiżdiedu l-cameras kontra min iħammeġ. It-tindif tat-toroq u żżamma tal-ġonna, tad-dwal, il-ġbir ta' skart domestiku u goff, il-manutenzzjoni kontinwa skond il-ħtieġa, partikolarment wara atti vandali jiswew lill-Kunsill somma sostanzzjali mill-allokazzjoni.
Fuq il-Fosos ġiet stallata WebCam li dalwaqt ser tibda tiffunzzjona fejn wieħed ikun jista' jara 'live' il-ħajja ta' kuljum, il-festivals u anke l-meetings ta' fuq il-Fosos minn madwar id-dinja speċjalment emigranti Furjaniżi.

Barra l-attivitajiet li torganizza kull xahar, semmiet li fil-11 ta' Marzu ser jinżamm il-festival ta' St Patrick's, sit-6 t' April ser isir hemm Jum il-Floriana, fl-14 t' April il-Festival tan-nhar mekkaniżżat filwaqt li fl-14 t' April jinżamm Ġenna ta' Ġonna.
Saret riferenza għall-iskambju ta' żjarat rigward il-ġemellaġġ li hemm ma' Macerata kif ukoll għall-istedina mill-Comune tal-belt ta' Palermo fuq tema kulturali u turistika.
Semmiet ukoll id-diversi laqgħat miżmuma ma' entitajiet Governattivi u setturi oħra sabiex il-Kunsill jigwadanja għal ġid tar-residenti u tal-lokal anke fir-rigward tar-Riġenerazzjoni u fil-Forum tal-President.
Tenniet li ma tkunx kuntenta jekk ma jsirx aktar sforz għal-ġid tal-lokal sa tmiem il-Leġislatura fl-2019 peress li l-prijorita' tagħha hi li trodd lura lil Floriana dak li tagħat lilha.
Ikkonkludiet billi rringrazzjat lil sħaba l-Kunsilliera li mir-rapporti tagħom kienet tidher il-ħidma kbira li twettqet bis-sinerġija ta' bejniethom kif ukoll lill-istaff kollu li b' ħidmiethom wettqu dak li jkun propona l-Kunsill għal ġid tal-lokal partikolarment għar-residenti.

Il-membri tal-Kumitat kollha wrew l-apprezzament lejn l-istaff kollhu tal-Kunsill għal-ħidmiethom.

<u>INTERVENTI MINN DAWK PREŻENTI</u>

<u>Mrs Sandra Hili</u> – Ikkumentat li n-nies tal-lokal ma japprezzawx l-isforzz li qed jagħmel il-Kunsill fir-rigward tal-indafa. Semmiet li ż-żibel jinġabar sebat ijiem fil-ġimgħa u xorta tara t-traskuraġni ta' ċertu nies u l-esegerazzjoni ta' skart li joħorġu wara il-ħin allokat u li żgur ser ikollhom problem kif ser jiġu fis-seħħ il-liġijiet ġodda dwar ir-reċiklaġġ. Lanqas jafu x'hini responsibilita' soċjali.
Tenniet li għandu jkun hemm moniteraġġ u aktar infurzar fuq l-iskart li joħorġu stabbilimenti kummerċjali.
Qed tistenna bil-ħerqa ir-Riforma tal-LESA peress li taf fiċ-ċert li l-Wardens żgur mhux qed jaqdu dmirijiethom fir-rigward ta' ħaddiema li jitħallew idawwru l-arloġġ mingħajr ma jiġu mħarrka.
Il-Kunsill semma l-isforz li qed isir bi spejjeż kbar sabiex jara li l-Floriana tinżamm nadifa.
<u>Is-Sur Joseph Spiteri</u> – Ikkumentat dwar street furniture inkluż sufani u pultruni, li qed joħorġu stabbilmenti tax-xorb u l-ikel li hemm taħt il-loġoġ, li ma jħallux passaġġ adekwat biex wieħed jimxi minn bejniethom. Sfortunatament din iż-żona ma tatqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill pero'ġie mwiegħed li ser jara kif din is-sitwazzjoni titsa tirranġa.
Ilmenta dwar l-istat tal-bankina ħdejn il-BOV waqt li ssuġerixxa li l-bankina li hemm minn ħdejn St Thomas Institiute,u l-papapetti li hemm St Francis Street sa Gatt tad-deheb titwessa.
Il-Kunsill wiegħed li kien ser jinnota dak kollu li semma is-Sur Spiteri.

<u>Is-Sur Mark Schembri</u> – Irrimarka li ġie joqgħod il-Floriana riċentement u attenda peress li jinteressaħ l-andament tal-Kunsill.

Is-Sur Simon Oosterman – Ikkummenta permezz ta' e-mail li nqart waqt il-laqgħa fejn tkellem dwar kemm hu diżapuntat miż-żamma il-Ġnien Vilhena fejn ilmenta dwar l-użu ta' moħriet biex iqalbu l-ħamrija u li b'hekk fl-opinjoni tiegħu titlef mill-umdita' tagħha, dwar kif jitnaqqa l-ħaxix ħażin u ż-żbir tal-arbuxelli. Ilmenta li minflokk jitħawlu fjuri u arbuxelli titħalla ħafna ħamrija tidher. Ilmenta li l-użu tal-moħriet qed iwassal għal ħsara kbira fil-Ġnien.

Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-ELC għall-kummenti tagħhom.

Tmiem il-laqgħa:

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 p.m filwaqt li l-minuti ta' din il-laqgħa ser jiġu diskussi mill-Kunsill matul il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss cioe' fil-10 ta' Jannar 2018 fejn il-Kunsill ser jieħu azzjoni dwar dawk l-ilmenti u s-suġġerimenti kif iqis li jkun xieraq.

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | M' Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |